MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 246/2008

Kawza fil-lista: 46

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi r-rikorrent A B C u l-intimata D C zzewwgu fit-tnax (12) ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. RMG 1;

2. Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-tnax (12) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19(c) u 19(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet li :

1. Illi l-esponenti taqbel illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tnax (12) ta’ Mejju, tas-sena elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991);

2. Illi l-esponenti taqbel li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null u bla effett izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrent ;

3. Ghaldaqstant l-esponenti m’ ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fit-12 ta’ Mejju 1991 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet fit-termini tal-pargrafu [d], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu ; u mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Mejju 1991, meta allura l-attur kellu 25 snea u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara kienu ilhom jffrekwentaw lil xuxlin circa hames snin. Fl-24 ta’ Awissu 1993 twieldet tifla. Wara konvivenza twila l-partijiet isseparaw.

Illi l-attur jghid li martu kienet infidila lejh kemm qabel, kif ukoll wara z-zwieg, u meta fis-sena 1994 hija kienet ammettiet li kellha relazzjonijiet intimi ma’ ragel iehor, ir-relazzjoni matrimonjali pprecipitat. Jghid li huma kienu jghixu that l-istess saqaf, izda separati; u l-hajja konjugali kienet tezisti biss, biex l-attur ikun jista’ jinqeda bhala ragel, u xejn aktar. Imhabba u affezzjoni ma kienx hemm.

L-attur jispjega li huwa dam ma jitlaq mid-dar konjugali minhabba t-tifla li, wara hames snin kienet zviluppat kancer f’ ghajnejha “u hassejtni guilty jekk nitlaqa’ lil din it-tifla f’ dawk iz-zmienijiet f’ dan il-mard li kellha…..u bqajna flimkien minhabba t-tifla… biex dejjem ikollha missier.” Jghid li eventwalment it-tifla tilfet ghajn wahda.

Illi l-konvenuta minn naha taghha tghid li l-attur kien baqa’ johrog Paceville, anke wara z-zwieg, u peress li gieghli kien idum sas-sieghat bikrin ta’ filghodu, hi ma kienitx takkompanjah minhabba li l-ghada kien ikollha tqum ghax-xoghol; sussegwentement ma baqatx takkompanjah ukoll minhabba li kellha t-tifla, izda l-attur xorta baqa’ johrog

wahdu Paceville wara x-xoghol, u li kien jirritorna d-dar b' riha ta xorb.

Tghid li kien hemm nuqqas ta' mhabba u affezzjoni minn naha ta' zewgha lejha, u li hi kienet thoss li kien qed iwarrabha. Din kienet ir-raguni li wasslitha biex, eventwalment tidhol f' relazzjoni extra matrimonjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qoti**
Illi mill-kumpless tal-provi akkwiziti, il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz l-ezistenza tal-caput nullitaits kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fil-konfront taz-zewg partijiet. Jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu affetti minn difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-hajja konjugali. Mill-provi, u precizament mill-komportament tal-partijiet fiz-zwieg, jirrizulta li huma kienu nkapaci li jistabbilixxu "a community of love and life" bejniethom, ossia unjoni bazata, inter alia, fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Iz-zewg partijiet kienu jigbdu lejhom infushom, u kien hemm nuqqas manifest ta' affezzjoni u sensitivita' lejn xulxin.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u ghalhekk timmeD li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Mejju 1991 huwa null fil-ligi.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------